

Brussell, 25 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15505/25

SOC 780
EMPL 517
ECOFIN 1527
COMPET 1171
FIN 1362
CADREFIN 324

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 683 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-attivitajiet tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) fl-2023 u l-2024

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 683 final.

Mehmuż: COM(2025) 683 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.11.2025
COM(2025) 683 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-attivitajiet tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-
Ħaddiema Ssensjati (FEG) fl-2023 u l-2024**

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit fl-2007 biex juri solidarjetà mal-ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom bħala riżultat tal-globalizzazzjoni jew tax-xejriet tal-kummerċ dinji li qed jinbidlu. Dan joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jippromwovi impjiegi deċenti u sostenibbli. Il-ħaddiema ssensjati u l-persuni b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom waqfet jistgħu jingħataw l-għajnuna mill-FEG biex jadattaw il-ħiliet tagħhom u jsibu impjiegi ġodda, sabiex tkun tista' ssir tranżizzjoni bla xkiel għal impjiegi ġodda.

Aktar tard, l-ambitu tal-fond ġie estiż biex ikun jista' jappoġġa persuni li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

Għall-perjodu 2021–2027, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament FEG¹ ġie estiż aktar biex jippermetti lill-fond jappoġġa lill-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom irrispettivament mill-kawża tal-avveniment ta' ristrutturar. Dan jinkludi, pereżempju, bidliet strutturali kkawżati mill-globalizzazzjoni, minn kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, mid-diġitalizzazzjoni jew mill-awtomatizzazzjoni jew mit-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Bħala fond ta' emerġenza, il-FEG jopera b'mod reattiv. Huwa ggwidat mill-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs u ta' aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol; ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; u ta' protezzjoni u ta' inklużjoni soċjali stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali². Billi jimplementa dawn il-prinċipji, il-fond jgħin biex isaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jikkomplementa programmi oħra ta' appoġġ għar-ristrutturar u servizzi oħra għall-ħaddiema.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u r-riżultati tal-FEG fl-2023 u fl-2024. Is-sejbiet ewlenin huma:

- Matul il-perjodu ta' rapportar, tliet Stati Membri sottomettew seba' applikazzjonijiet, li ammontaw għal total ta' EUR 27,7 miljun (kontribuzzjoni mill-FEG ta' EUR 21,2 miljun u kontribuzzjoni nazzjonali ta' EUR 6,5 miljun), bl-għan li jappoġġaw 5 643 ħaddiem, ħafna minnhom mill-industrija tal-karozzi u mill-manifattura ta' metalli bażiċi, segwiti mis-settur tal-bejgħ bl-imnut.
- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw tmien deċiżjonijiet biex jimmobilizzaw finanzjament mill-FEG għal ammont totali ta' EUR 16,4 miljun biex jappoġġaw 4 108 ħaddiema³.

¹ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/691](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

² [Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#)

³ Mit-tmien deċiżjonijiet, tnejn minnhom kienu jikkonċernaw applikazzjonijiet tal-FEG riċevuti fi tmien l-2022 (EGF/2022/002 BE/TNT Express Worldwide; EGF/2022/003 ES/Alu Ibérica). Applikazzjoni waħda (EGF/2024/003/BE Van Hool) waslet fl-aħħar trimestru tal-2024 u ġiet adottata fl-2025.

- Il-Kummissjoni rċeviet 11-il rapport finali, li juru li 64 % tal-ħaddiema li kienu bbenefikaw mill-miżuri reġgħu bdew jaħdmu sa tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.

WERREJ

1. Introduzzjoni	4
2. Analiżi tal-attivitajiet tal-FEG fl-2023 u fl-2024	5
2.1. Applikazzjonijiet sottomessi.....	5
2.1.1. Applikazzjonijiet imqassma skont il-kriterju ta' intervent u l-kawża tas-sensja..	6
2.1.2. Applikazzjonijiet skont is-settur.....	6
2.1.3. Applikazzjonijiet sottomessi skont in-numru ta' beneficijarji fil-mira	7
2.1.4. Applikazzjonijiet sottomessi skont l-ammont mitlub.....	9
2.1.5. Applikazzjonijiet skont l-ammont għal kull beneficijarju.....	10
2.1.6. Ħin tal-ipproċessar	11
2.2. Deċizzjonijiet adottati u kontribuzzjonijiet mogħtija	12
2.2.1. Miżuri kofinanzjati mill-FEG.....	15
2.2.2. Komplementarjetà ma' azzjonijiet ifffinanzjati minn fondi nazzjonali jew minn fondi oħra tal-UE.....	15
2.3. Applikazzjonijiet miċħuda.....	16
2.4. Riżultati miksuba	17
2.4.1. Sommarju tar-riżultati rrapportati fl-2023 u fl-2024.....	21
2.4.2. Rata ta' riintegrazzjoni tal-benefiċjarji.....	21
2.4.3. Stħarriġ tal-benefiċjarji.....	23
2.5. Eżekuzzjoni finanzjarja	25
2.5.1. Kontribuzzjonijiet tal-FEG.....	25
2.5.2. Assistenza teknika	25
2.5.3. Irregolaritajiet irrapportati.....	26
2.5.4. Stralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG.....	26
2.6. Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni.....	28
2.6.1. Informazzjoni u pubbliċità – sit web.....	28
2.6.2. Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati tal-FEG	29
2.6.3. Sistema ta' skambju elettroniku ta' data (SFC2021)	29
2.6.4. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni tal-FEG 2021-2027	29

1. Introduzzjoni

Skont ir-Regolament FEG 2021–2027⁴, l-UE turi solidarjetà u tipprovdi appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni b'impjeg indipendenti li l-attività tagħhom waqfet minħabba xi avveniment ta' ristrutturar kbir, bħall-globalizzazzjoni, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, id-diġitalizzazzjoni jew l-awtomazzjoni jew it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Ġew introdotti bidliet kbar għall-perjodu 2021–2027⁵ biex ir-regoli jsiru aktar inklużivi u flessibbli, b'tali mod li jippermettu rispons aħjar għall-isfidi kurrenti u futuri.

Biex jgħin lill-ħaddiema ssensjati jsibu impjeg ġdid, il-FEG jikkofinanzja miżuri attivi tas-suq tax-xogħol implimentati mill-Istati Membri. Dan jissupplimenta l-miżuri nazzjonali fil-każ ta' sensji kollettivi f'daqqa wara avveniment ta' ristrutturar kbir, u jipprovdi appoġġ aktar personalizzat lill-ħaddiema ssensjati l-aktar vulnerabbli, imfassal skont il-bżonnijiet tagħhom.

Dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jipprovdi valutazzjoni tal-attivitajiet tal-FEG matul l-aħħar sentejn, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/691.

Ir-rapport jiffoka fuq ir-riżultati miksuba u jipprovdi informazzjoni, b'mod partikolari, fuq:

- l-applikazzjonijiet sottomessi;
- il-ħin tal-ipproċessar;
- id-deċiżjonijiet adottati;
- il-miżuri ffinanzjati, inkluża l-komplementarjetà tagħhom ma' azzjonijiet iffinanzjati minn strumenti oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+);
- statistiki dwar l-indikaturi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament FEG;
- l-istħarriġiet tal-benefiċjarji;
- l-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji; u l-applikazzjonijiet miċħuda.

Ir-rapport jikkonkludi billi jippreżenta fil-qosor ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni tal-FEG 2021–2027, ippubblikata fit-8 ta' Lulju 2025⁶.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema Ssensjati.

⁵ B'mod partikolari: a) il-limitu tal-eliġibbiltà tbaxxa minn 500 għal 200 ħaddiem issensjat; b) limiti ta' żmien iqsar kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri; c) rekwiżiti u proċeduri ta' applikazzjoni simplifikati; d) ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rilevanti jew 60 %, skont liema tkun l-ogħla.

⁶ COM(2025) 382 final u SWD(2025) 180.

2. Analiżi tal-attivitajiet tal-FEG fl-2023 u fl-2024

2.1. Applikazzjonijiet sottomessi

Fl-2023 u fl-2024, il-Kummissjoni rċiviet seba' applikazzjonijiet, mill-Belġju, mill-Ġermanja u mid-Danimarka, għal ammont totali ta' EUR 27,7 miljun (kontribuzzjonijiet nazzjonali u tal-FEG kombinati). L-applikazzjonijiet kellhom l-għan li joffru appoġġ lil 5 643 ħaddiem.

Tabella 1: Applikazzjonijiet sottomessi fl-2023 u fl-2024

Referenza tal-FEG	Stat Membru	Titlu tal-każ	Settur f' denominazzjoni qasira	Diviżjoni tan-NACE Rev. 2	Data tal-applikazzjoni	Art. 4. Kriterji ta' intervent	Kawża tas-sensji	Kontribuzzjoni nazzjonali (f'€) (40% jew inqas mill-ammont totali tal-każ)	Kontribuzzjoni tal-FEG (f'€) (60% jew aktar mill-ammont totali tal-każ)	Rata ta' kofinanzjament tal-FEG (%)	Numru ta' ħaddiema ssensjati	Numru ta' benefiċjarji fl-mira	Schem ta' benefiċjarji fl-mira vs ħaddiema ssensjati	Ammont medju tal-FEG għal kull benefiċjarju fl-mira
								A	B	C	D	E	E/D	B/E
EGF/2023/001	BE	Logistics Nivelles	Attivitajiet ta' ħżin u ta' appoġġ għat-trasport	52,49	17/02/2023	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	380,004	2,153,358	85%	603	603	100%	3,571
EGF/2023/002	BE	Makro	Bejgħ bl-innut	47	03/07/2023	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	499,098	2,828,223	85%	1,431	421	29%	6,718
EGF/2023/003	DE	Vallourec	Metalli bażiċi	24	15/11/2023	4(2)(a)	Kummerċ	1,989,752	2,984,627	60%	1,518	835	55%	3,574
EGF/2023/004	DK	Danish Crown	Prodotti tal-ikel	10	06/12/2023	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	1,254,808	1,882,212	60%	751	390	52%	4,826
EGF/2024/001	BE	Match	Bejgħ bl-innut	47	03/06/2024	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	469,688	2,661,564	85%	513	365	71%	7,292
EGF/2024/002	BE	Limbours makkinari	Makkinarju u tagħmir u karta	17, 28	19/07/2024	4(2)(c)	Kapaċità żejda tas-settur (karta) u Preferenza tal-konsumatur għal sistemi tat-tisħin alternattivi għal panel radiators.	469,424	704,135	60%	681	632	93%	1,114
EGF/2024/003	BE	Van Hool	Karozzi	29	28/10/2024	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	1,411,591	7,999,015	85%	2,411	2,397	99%	3,337
Numru totali ta' applikazzjonijiet riċevuti fl-2023 u fl-2024: 7						4(2)(a)=6 4(2)(c)=1	Total	6,474,365	21,213,134		7,908	5,643	71%	3,759
							Medja għal 7 applikazzjonijiet	924,909	3,030,448		1,130	806		

* Il-Belġju għażel rata ta' kofinanzjament ta' 60 % għal Limburg makkinarju u karta għalkemm seta' talab sa 85 %.

2.1.1. Applikazzjonijiet imqassma skont il-kriterju ta' intervent u l-kawża tas-sensja

Sitt applikazzjonijiet kienu relatati mal-għoti tas-sensji f'intrapriża u fil-fornituri u fil-produtturi downstream tagħha⁷ u applikazzjoni waħda kienet tikkonċerna l-għoti tas-sensji fl-istess reġjun tal-Belġju⁸. Il-possibbiltà li l-għoti tas-sensji jiġi kkombinat fl-istess reġjun f'applikazzjoni waħda, anke jekk jaffettwa setturi differenti, ġiet introdotta fir-Regolament kurrenti⁹. Limburg makkinarju u karta (EGF/2024/002 BE) kienet l-ewwel applikazzjoni li għamlet użu minn din il-possibbiltà.

Skont l-Istati Membri applikanti, ħames applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw kriżi korporattiva (BE u DK) u tnejn relatati mal-kummerċ (DE) u ma' kawżi oħra ta' ristrutturar¹⁰ (BE).

2.1.2. Applikazzjonijiet skont is-settur¹¹

L-applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw l-għoti tas-sensji fi tmien setturi: is-settur tal-karozzi, il-metalli bażiċi, il-prodotti tal-ikel, it-trasport fuq l-art, il-makkinarju u t-tagħmir, il-karta, il-bejgħ bl-imnut, u l-attivitajiet ta' ħżin u ta' appoġġ għat-trasport. Kien hemm żewġ applikazzjonijiet għas-settur tal-bejgħ bl-imnut u żewġ applikazzjonijiet mill-Belġju¹² kienu jikkonċernaw aktar minn settur wieħed.

L-industrija tal-karozzi (2 397) kellha l-akbar numru ta' benefiċjarji fil-mira, segwita mill-metalli bażiċi (835) u mis-settur tal-bejgħ bl-imnut (786). Għall-ewwel darba kien hemm applikazzjoni b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati fis-settur tal-karta.

Ċart 1: Numru ta' benefiċjarji fil-mira għal kull settur fl-2023–2024

⁷ L-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament.


⁸ L-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament.

⁹ Il-possibbiltà li l-għoti tas-sensji jiġi kkombinat fl-istess reġjun f'applikazzjoni waħda diġà kienet teżisti, iżda bil-kundizzjoni li kollha kienu jappartjenu għall-istess settur (l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament).

¹⁰ Il-kapaċità żejda tas-settur (karta) u l-preferenza tal-konsumatur għal sistemi tat-tisħin għajr il-panel radiators (makkinarju).

¹¹ [Setturi fil-livell tad-diviżjoni tal-NACE Rev. 2.](#)

¹² EGF/2023/001 BE Logistics Nivelles (ħżin u trasport fuq l-art), u EGF/2024/002 BE Limburg makkinarju u karta.



Numru totali ta' benefiċjarji fil-mira: 5 643

2.1.3. Applikazzjonijiet sottomessi skont in-numru ta' benefiċjarji fil-mira


Kien hemm total ta' 5 643 benefiċjarju fil-mira (71 % mis-7 908 ħaddiema ssensjati; ara t-Tabella 1). Il-Belġju, b'ħames applikazzjonijiet, talab appoġġ mill-FEG għall-akbar numru ta' benefiċjarji (4 418), segwit mill-Ġermanja (835) u mid-Danimarka (390). In-numru medju ta' benefiċjarji fil-mira għal kull applikazzjoni kien ta' 806.

Il-proporzjon ta' benefiċjarji fil-mira għal ħaddiema ssensjati jista' jvarja, billi l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiffokaw fuq gruppi speċifiċi. Pereżempju, fi tnejn mill-applikazzjonijiet tiegħu, il-Belġju ħa approċċ reġjonali: minħabba s-suq tax-xogħol Fjamming b'saħħtu, kien preżunt li l-ħaddiema Fjammingi jkunu jistgħu jsibu impjiegi ġodda bl-appoġġ nazzjonali disponibbli. Għalhekk, il-kofinanzjament tal-FEG intalab biss għall-ħaddiema ta' Wallonia.


Profil tal-benefiċjarji fil-mira skont il-ġeneru, l-età u l-livell ta' edukazzjoni

87 % tal-benefiċjarji fil-mira kienu rġiel, 62 % kellhom bejn it-30 u l-54 sena u 61 % kienu lestew jew edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell jew edukazzjoni postsekondarja. Ma hemm l-ebda preġudizzju tal-ġeneru fl-għażla tal-benefiċjarji; pjuttost, il-profil tagħhom jirrifletti l-fatt li l-biċċa l-kbira tas-sensji seħħew f'setturi b'forza tax-xogħol predominantement maskili (90 % jew aktar).


Ċart 2: Profil tal-benefiċjarji fil-mira skont il-ġeneru u għal kull applikazzjoni



Ċart 3: Profil tal-benefiċjarji fil-mira skont il-livell ta' edukazzjoni



Ċart 4: Profil tal-benefiċjarji fil-mira skont l-età



2.1.4. Applikazzjonijiet sottomessi skont l-ammont mitlub

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG tikkomplementa l-miżuri tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Huwa f'idejn l-Istat Membru applikant li jiżgura li l-miżuri ffinanzjati mill-FEG jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat u li ma jkunx hemm finanzjament doppju mill-baġit tal-UE. Barra minn hekk, il-miżuri ffinanzjati mill-FEG ma għandhom jissostitwixxu l-ebda miżura li l-kumpaniji jkunu responsabbli għaliha skont id-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

Stat Membru li japplika għall-appoġġ tal-FEG jeħtieġu jfassal pakkett ta' miżuri koordinat li jkun l-aktar adattat għall-profil tal-benefiċjarji fil-mira. Skont ir-Regolament (UE) 2021/691, ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG hija jew ta' 60 % jew ugwali għall-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rilevanti¹³, skont liema tkun l-ogħla.

L-ammont totali ta' appoġġ mill-FEG mitlub fis-seba' applikazzjonijiet kien ta' EUR 21 213 134. Il-Belġju, b'ħames applikazzjonijiet u b'rata ta' kofinanzjament ta' 85 %¹⁴ talab l-ogħla ammont (EUR 16 346 295), segwit mill-Ġermanja (EUR 2 984 627) u mid-Danimarka (EUR 1 882 212), kull wieħed b'applikazzjoni waħda u b'rata ta' kofinanzjament ta' 60 %.


¹³ Ir-rati ta' kofinanzjament tal-FSE+ ivarjaw minn 40 % sa 85 %.

¹⁴ Fl-applikazzjoni EGF/2024/002 BE/Limburg makkinarju u karta, il-Belġju talab kofinanzjament ta' 60 %.

2.1.5. Applikazzjonijiet skont l-ammont għal kull benefiċjarju

Ir-Regolament (UE) 2021/691 ma jistabbilixxi limitu fuq l-ammont ibbaġitjat jew fuq l-ammont mitlub għal kull benefiċjarju fil-mira. L-ammont jista' jvarja skont is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol rilevanti, iċ-ċirkostanzi individwali tal-benefiċjarji, u l-appoġġ disponibbli u l-kost tal-provvista tas-servizzi rilevanti fl-Istat Membru kkonċernat.


Ċart 5: L-ammont ibbaġitjat għal kull benefiċjarju (kofinanzjament nazzjonali u tal-FEG) fl-2023–2024



Ammont medju bbaġitjat għal kull benefiċjarju:

EUR 4 907

Ċart 6: Ammont tal-FEG mitlub għal kull benefiċjarju u għal kull Stat Membru fl-2023–2024



Ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG għal kull Stat Membru hija indikata fil-parentesi.

Ammont medju mitlub mill-FEG għal kull benefiċjarju: EUR 3 759

2.1.6. Ħin tal-ipproċessar

F'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament FEG, Stat Membru li jixtieq jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni, jeħtieġlu jagħmel dan fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha jkunu ġew issodisfati l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(2) (3) jew (4). Imbagħad, il-Kummissjoni jkollha 10 ijiem tax-xogħol biex titlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li teħtieġ biex tivvaluta l-applikazzjoni, mid-data li fiha tirċiviha (jew traduzzjoni jekk meħtieġa). L-Istat Membru jeħtieġlu jwieġeb fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, iżda jista' jitlob estensjoni ta' 10 ijiem jekk it-talba għal estensjoni tkun debitament motivata. Ladarba tirċievi din l-informazzjoni, il-Kummissjoni jkollha 50 jum tax-xogħol biex tivvaluta jekk l-applikazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tippovdi appoġġ finanzjarju u ttipproponi l-mobilizzazzjoni tal-fond. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tilħaq din l-iskadenza, trid tippovdi spjegazzjoni għad-dewmien fit-tlestija tal-valutazzjoni.

Il-Kummissjoni adottat l-applikazzjonijiet kollha li rċiviet fl-2023–2024 bejn 49 u 75 jum mid-data tal-applikazzjoni jew id-data li fiha t-traduzzjoni saret disponibbli, u b'hekk irrispettat il-75 jum tax-xogħol stabbiliti fl-Artikolu 8(4) (5) u (6) tar-Regolament FEG.

Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament FEG, l-awtorità baġitarja jeħtiġilha tiegħu deċiżjoni fi żmien 6 ġimgħat¹⁵ mill-proposta tal-Kummissjoni. Id-deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni

* Fl-applikazzjoni EGF/2024/002 BE/Limburg makkinarju u karta, il-Belġju talab kofinanzjament ta' 60 %.

¹⁵ Madwar 42 jum kalendarju.

ttieħdet fil-limitu ta' żmien fil-biċċa l-kbira tal-każijiet u kienet partikolarment rapida (30 jum kalendarju) fil-każ EGF/2024/002 BE/Limbourg makkinarju u karta.

Tabella 2: Żmien tal-ipproċessar tal-Kummissjoni u tal-awtorità baġitarja

Ref. tal-FEG	Każ	Data tal-applikazzjoni jew tat-traduzzjoni	Adozzjoni mill-Kummissjoni	Jiem tax-xogħol	Data tal-firma mill-BA	Jiem kalendarji
EGF/2023/001	Logistics Nivelles	17/02/2023	06/06/2023	71	12/07/2023	36
EGF/2023/002	Makro	03/07/2023	13/10/2023	74	22/11/2023	40
EGF/2023/003	Vallourec *	15/11/2023	29/02/2024	71	24/04/2024	55
EGF/2023/004	Danish Crown	06/12/2023	29/02/2024	56	24/04/2024	55
EGF/2024/001	Match	03/06/2024	16/09/2024	75	23/10/2024	37
EGF/2024/002	Limbourg makkinarju u karta*	28/08/2024	05/11/2024	49	05/12/2024	30
EGF/2024/003	Van Hool*	03/12/2024	26/03/2025	73	07/05/2025	42

2.2. Deċiżjonijiet adottati u kontribuzzjonijiet mogħtija

Il-FEG huwa strument tematiku speċjali, barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali. Il-fond jiġi mmobilizzat permezz ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Fl-2023–2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw tmien deċiżjonijiet li mmobilizzaw EUR 16 445 516 f'finanzjament mill-FEG, li offrew appoġġ lil 4 108 ħaddiema f'erba' Stati Membri¹⁶. Id-deċiżjonijiet kienu jikkonċernaw żewġ applikazzjonijiet li waslu fl-aħħar trimestru tal-2022, erbgħa li waslu fl-2023 u tnejn li waslu fl-2024. Għalhekk, it-Tabella 3 tkopri sett differenti ta' każijiet mit-Tabella 1 (applikazzjonijiet sottomessi fl-2023 u fl-2024).

* Kienet meħtieġa traduzzjoni.

¹⁶ Il-Belġju (ħames każijiet), Spanja, il-Ġermanja u d-Danimarka.

Tabella 3: Dettalji tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija fl-2023 u fl-2024
(Data tal-firma mill-awtorità baġitarja fl-2023 u fl-2024)

Referenza tal-FEG	Stat Membru	Każ	Data tal-applikazzjoni	Art. 4. Kriterji ta' intervent	Kawża ta' sensja	Kontribuzzjoni nazżjonali (f'€)	Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija (f'€)	Benefiċjarji fil-mira	Kontribuzzjoni medja tal-FEG għal kull benefiċjarju (f'€)	Irgjel fil-mira	Nisa fil-mira	Età taħt it-30 sena	Età bejn 30 u 54 fil-mira	Età 'l fuq minn 54 sena fil-mira	Data tal-firma mill-awtorità baġitarja	Data tal-ħlas (trasferiment bankarju)
EGF/2022/002	BE	TNT	18/10/2022	4(2)(a)	Akkwizzizzjoni	345,247	1,956,397	559	3,500	487	72	13	368	178	15/03/2023	03/04/2023
EGF/2022/003	ES	Alu Ibérica	30/11/2022	4(2)(a)	Kummerċ	225,000	1,275,000	303	4,208	293	10	0	294	9	10/05/2023	31/05/2023
EGF/2023/001	BE	Logistics Nivelles	17/02/2023	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	380,004	2,153,358	603	3,571	586	17	27	450	126	12/07/2023	19/07/2023
EGF/2023/002	BE	Makro	03/07/2023	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	499,098	2,828,223	421	6,718	189	232	2	229	190	22/11/2023	05/12/2023
EGF/2023/003	DE	Vallourec	15/11/2023	4(2)(a)	Kummerċ	1,989,752	2,984,627	835	3,574	798	37	53	614	168	24/04/2024	17/06/2021
EGF/2023/004	DK	Danish Crown	06/12/2023	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	1,254,808	1,882,212	390	4,826	335	55	39	275	76	24/04/2024	15/05/2024
EGF/2024/001	BE	Match	03/06/2024	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	469,688	2,661,564	365	7,292	238	127	28	222	115	23/10/2024	06/11/2024
EGF/2024/002	BE	Limbours makkinarju u karta	19/07/2024	4(2)(c)	Kapaċità żejda tas-settur (karta). Bidliet fix-xejriet tal-konsumaturi (radjatur)	469,424	704,135	632	1,114	604	28	55	355	222	05/12/2024	24/12/2024
Ċifri totali						5,633,021	16,445,516	4,108	4,003	3,530	578	217	2,807	1,084		
Nru totali ta' deċiżjonijiet u ta' pagamenti fl-2023 u fl-2024: 8				4(2)(a)=7 4(2)(c)=1	Kriżi korporattiva = 4 Kummerċ = 2 Oħrajn = 2	704,128	2,055,690	514		86%	14%	5%	69%	26%	Ċifri medji għal tmien każijiet	

2.2.1. Miżuri kofinanzjati mill-FEG

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691, kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG tista' tappoġġa miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG ingħataw fl-2023 u fl-2024 għat-tipi ta' miżuri li ġejjin:

- gwida okkupazzjonali u dwar il-karriera,
- assistenza intensiva fit-tiftix ta' impjieg imfassla skont il-bżonnijiet tal-benefiċjarji; it-titjib tal-ħiliet ġenerali; it-tiżni tal-possibiltajiet u tal-abbiltà ta' dawk li qed ifittxu impjieg sabiex jipparteċipaw f'korsijiet ta' titjib tal-ħiliet jew sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' impjieg,
- taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u taħriġ vokazzjonali, inkluż taħriġ orizzontali u fil-ħiliet personali, taħriġ fl-intraprenditorija u programmi ta' edukazzjoni għolja,
- konsulenza u mentoraġġ immirati lejn is-sejbien ta' impjieg ġdid u mentoraġġ fil-bidu tal-impjieg il-ġdid,
- il-promozzjoni tal-intraprenditorija u kontribuzzjonijiet għall-bidu ta' negozju,
- inċentivi ta' darba biss għar-riallokazzjoni rapida u għar-reklutaġġ; diversi gratifiki (eż. għat-tiftix ta' impjieg, għat-taħriġ, jew għall-intraprenditorija, jew biex iħeġġu l-parteċipazzjoni fit-taħriġ tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT, Information Technology) jew tal-lingwi) u kontribuzzjonijiet (eż. għall-kostijiet tal-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura jew għall-indukrar tal-persuni dipendenti).

Meta ddisinjaw il-pakketti ta' appoġġ tagħhom, l-Istati Membri qiesu l-isfond, il-livell ta' edukazzjoni, l-esperjenza u l-mobiltà tal-benefiċjarji individwali, kif ukoll l-opportunitajiet ta' xogħol kurrenti jew mistennija fil-futur fis-swieq tax-xogħol rilevanti. Huma qiesu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar u għall-ħtieġa li jinxterdu l-ħiliet għall-era industrijali diġitali u għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament FEG.

2.2.2. Komplementarjetà ma' azzjonijiet ifffinanzjati minn fondi nazzjonali jew minn fondi oħra tal-UE

Il-miżuri tal-FEG dejjem jiġu offruti b'mod supplimentari għall-appoġġ nazzjonali regolari, u b'hekk tiġi żgurata l-komplementarjetà. B'mod partikolari, il-fond jikkomplementa l-FSE+, l-istrument ewlieni tal-UE għall-promozzjoni tal-impjieg. Iż-żewġ fondi jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-impjieg minn perspettivi ta' żmien differenti: il-FSE+ isegwi miri strateġiċi u fit-tul (eż. it-tiżni tal-kapital uman u l-ġestjoni tal-bidla) ibbażati fuq programm pluriennali, filwaqt li l-FEG jipprovdi appoġġ b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Dan jappoġġa ħaddiema ssensjati jew il-persuni b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom tkun

waqfet minħabba avveniment ta' ristrutturar speċifiku u fuq skala kbira li jwassal għal numru għoli ta' għoti tas-sensji fuq perjodu ta' żmien qasir.

Il-FEG jippermetti lill-Istati Membri jagħtu lill-benefiċjarji appoġġ aktar fil-fond, immirat u personalizzat, inklużi miżuri li kieku ma jkollhomx aċċess għalihom (eż. edukazzjoni tat-tieni jew tat-tielet livell). Għalhekk, il-fond jippermetti li jitfasslu servizzi li huma mfassla aħjar għall-bżonnijiet tal-ħaddiema ssensjati individwali, u li jmorru ferm lil hinn minn dak li jistgħu joffru l-korsijiet u l-miżuri standard. B'kuntrast ma' dan, l-appoġġ tal-FSE+ huwa mmirat lejn popolazzjoni usa' (kemm dawk attivi kif ukoll dawk inattivi fis-suq tax-xogħol). L-Istati Membri xi kultant jikkombinaw il-miżuri tal-FEG u tal-FSE+ sabiex jipprovdu soluzzjonijiet kemm għal terminu qasir kif ukoll għal fit-tul.

Fil-livell tal-każijiet, il-FEG tipikament jibni fuq miżuri nazzjonali jew tal-FSE+ eżistenti, billi jikkomplementahom b'miżuri ġodda jew jagħti spinta lill-miżuri eżistenti eż. billi jżid il-proporzjon ta' konsulenti għal benefiċjarji jew jestendi l-perjodu ta' appoġġ¹⁷. Il-kriterju deċiżiv fl-għażla tal-istrumenti huwa kif dan jista' jgħin bl-aħjar mod lill-benefiċjarji fil-mira. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jagħżlu liema strumenti u azzjonijiet jixtiequ jużaw biex jilhqnu l-oġettivi mixtieqa¹⁸.

B'mod simili, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx fondi tal-FSE+ jew tal-FEG u li jimmaniġġjaw il-komplementarjetà bejn iż-żewġ fondi filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet kurrenti tas-suq tax-xogħol.

L-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2021/691 jirrikjedi li l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-mekkaniżmi neċessarji biex jipprevjenu kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju minn strumenti finanzjarji tal-UE. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-FSE+ hija wkoll responsabbli għall-implimentazzjoni tal-FEG, u dan jippermettilhom jiżguraw li ma jkunx hemm finanzjament doppju.

2.3. Applikazzjonijiet miċħuda

L-ebda waħda mill-applikazzjonijiet riċevuti fl-2023 u fl-2024 ma għet miċħuda mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

¹⁷ Skont il-leġiżlazzjoni reġjonali tal-Wallonia, il-ħaddiema ssensjati jistgħu jingħataw għajjnuna minn unità ta' riallokazzjoni li tiġi attivata fuq talba ta' trade union. Tali unitajiet ta' riallokazzjoni mexxew l-implimentazzjoni tal-miżuri kofinanzjati tal-FEG (EGF/2022/002 BE/TNT, EGF/2023/001 BE/Logistique Nivelles, EGF/2023/002 BE/Makro, u EGF/2024/001 BE/Match-Smatch). Dan ippermetta li d-durata standard ta' 12-il xahar tal-unitajiet ta' riallokazzjoni tiġi estiża sa 24 xahar u li jittieħdu miżuri addizzjonali biex jikkomplementaw il-pakkett ta' miżuri tagħhom, bħal kontribuzzjonijiet għall-bidu ta' negozju, benefiċċji tar-reklutaġġ jew inċentivi għall-ħaddiema biex jipparteċipaw f'ċerti korsijiet ta' taħriġ.

¹⁸ L-appoġġ tal-FEG għall-ħaddiema ssensjati fis-settur tal-metall fi Spanja (EGF/2021/001 ES/Pais Vasco metal) għet implimentat bħala parti minn programm ta' għajjnuna usa' (AukerabeRRI) li għen lin-negozji jsibu ħaddiema tas-sengħa adattati għall-bżonnijiet tagħhom, u lill-ħaddiema li tkeċċew mill-impjieg isibu impjegi ġodda.

2.4. Riżultati miksuba

Is-sorsi ewlenin ta' informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba mill-FEG huma r-rapporti finali tal-Istati Membri, li għandhom jiġu sottomessi mhux aktar tard minn 7 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni (6 xhur għall-każijiet skont ir-Regolament FEG 2014–2020¹⁹). Barra minn hekk, l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni fil-kuntatt dirett tagħhom mal-Kummissjoni, eż. matul il-laqgħat u l-konferenzi, u b'rabta mal-ħidma ta' evalwazzjoni u ta' awditjar. Ir-riżultati u d-data ewlenin irrapportati fl-2023–2024 minn seba' Stati Membri huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Tabella 4: L-istatus tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji megħjuna (rapporti finali riċevuti fl-2023 u fl-2024)

Referenza tal-FEG	EGF/2020/001	EGF/2020/002	EGF/2020/003	EGF/2020/005	EGF/2020/007	EGF/2021/001	EGF/2021/002	EGF/2021/003	EGF/2021/004	EGF/2021/005	EGF/2021/006	Total
Każ	Setturi anċillari tal-bini tal-vapuri f'Galicia	L-industrija tat-turiżmu Estonjana	GMH Guss	Swissport	Finnair	Pais Vasco metal	Air Italy	Porto Canale	Aragón automotive	Airbus	Cataluña automotive	11-il Rapport Finali
Stat Membru	ES	EE	DE	BE	FI	ES	IT	IT	ES	FR	ES	inn 7 Stati Memb
Settur	Bini tal-vapuri	Turiżmu	Metalli bażiċi	Attivitajiet ta' appoġġ għat-trasport	Trasport bl-ajru	Industrija tax-xogħol tal-metall	Trasport bl-ajru	Attivitajiet ta' ħżin u appoġġ għat-trasport	Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semi-trejlers	Manifattura ta' tagħmir tat-trasport	Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semi-trejlers	
Data tal-applikazzjoni	13 ta' Mejju 2020	12 ta' Novembru 2020	15 ta' Diċembru 2020	22 ta' Diċembru 2020	30 ta' Diċembru 2020	25 ta' Ġunju 2021	15 ta' Lulju 2021	15 ta' Lulju 2021	26 ta' Lulju 2021	26 ta' Lulju 2021	23 ta' Settembru 2021	
Ħaddiema ssensjati	960	10,080	585	1,468	508	491	611	190	1,052	508	705	17,158
Benefiċjarji fil-mira	500	5,060	476	1,468	500	300	611	190	320	297	450	10,172
Data tal-bidu tal-miżuri	30 ta' Novembru 2020	1 ta' Jannar 2021	01 ta' April 2020	9 ta' Ġunju 2020	21 ta' Ottubru 2020	11 ta' Ġunju 2021	14 ta' Novembru 2021	8 ta' Ottubru 2021	1 ta' Ġunju 2022	1 ta' Novembru 2022	6 ta' Settembru 2023	
Data tat-tmiem tal-miżuri	13 ta' Awwissu 2022	30 ta' Ġunju 2023	18 ta' Awwissu 2022	22 ta' Diċembru 2022	30 ta' Diċembru 2022	24-Nov-2023	25 ta' Ottubru 2023	17 ta' Diċembru 2023	7 ta' Diċembru 2023	17 ta' Frar 2024	8 ta' Maru 2024	
Skadenza għar-Rapport Finali	13 ta' Frar 2023	01 ta' Lulju 2023	15 ta' Ġunju 2023	22 ta' Ġunju 2023	30 ta' Ġunju 2023	25-Jun-2024	17 ta' Lulju 2024	17 ta' Lulju 2024	17 ta' Lulju 2024	7 ta' Settembru 2024	9 ta' Ottubru 2024	
Data attwali tas-sottomissjoni tar-Rapport Finali	10 ta' Frar 2023	5 ta' Ġunju 2024	21 ta' Ġunju 2023	19 ta' Ġunju 2023	16 ta' Mejju 2023	21-Jun-2024	16 ta' Lulju 2024	16 ta' Lulju 2024	12 ta' Lulju 2024	6 ta' Settembru 2024	8 ta' Ottubru 2024	
Kawża li għet stralċjata qabel il-31/12/2024	IVA	LE	LE	IVA	IVA	LE	LE	LE	LE	LE	LE	
RIŻULTATI FI TMEM IL-PERJODU TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-FEG, IBBAŻATI FUQ IR-RAPPORTI FINALI TAL-ISTATI MEMBRI												
Benefiċjarji megħjuna	521	1,687	200	898	481	80	601	190	263	299	93	5,313
% tal-benefiċjarji fil-mira	104%	33%	42%	61%	96%	27%	98%	100%	82%	101%	21%	52%
Status tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji megħjuna mill-akkwist tal-FEG *												
Benefiċjarji integrati mill-ġdid fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG	362	1,427	79	458	366	57	300	82	116	136	15	3,398
% tal-benefiċjarji megħjuna li minnhom	69%	85%	40%	51%	76%	71%	50%	43%	44%	45%	16%	64%
bħala benefiċjarji dipendenti	350	1,351	78	445	363	56	288	82	116	25	14	3,168
bħala ħaddiem għal rasu	12	76	1	13	3	1	12	0	0	111	1	230
Benefiċjarji fl-edukazzjoni/taħriġ	0	0	9	0	23	0	0	0	0	9	1	42
% tal-benefiċjarji megħjuna	0%	0%	5%	0%	5%	0%	0%	0%	0%	3%	1%	1%
Benefiċjarji qiegħda jew inattivi - diversi raġunijiet **	159	68	103	440	92	23	266	0	147	17	77	1,392
% tal-benefiċjarji megħjuna	31%	4%	52%	49%	19%	29%	44%	0%	56%	6%	83%	26%
Status tal-benefiċjarji N/A	0	192	9	0	0	0	35	108	0	137	0	481
% tal-benefiċjarji megħjuna	0%	11%	5%	0%	0%	0%	6%	57%	0%	46%	0%	9%
	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%

* Fil-prinċipju, l-istatus tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji jirrifletti s-sitwazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.

** Inattivi tfisser li n-nies ma għadhomx fis-suq tax-xogħol għal diversi raġunijiet eż. irtirar jew mewt.

2.4.1. Sommarju tar-riżultati rrapportati fl-2023 u fl-2024

Fl-2023–2024, il-Kummissjoni rċiviet 11-il rapport finali dwar każijiet li kienu ġew implimentati minn Ġunju 2020 sa Marzu 2024, li minnhom ħamsa kienu jikkonċernaw każijiet skont ir-Regolament FEG 2014–2020.

Iċ-ċifri aggregati mir-rapporti finali juru diżaggregazzjoni pjuttost ibbilanċjata tal-benefiċjarji skont il-ġeneru (58 % irġiel u 42 % nisa), għalkemm is-sensji seħħew l-aktar f'setturi b'forza tax-xogħol predominantement maskili. Dan huwa spjegat minn każ speċifiku wieħed ta' ħaddiema fit-turiżmu fl-Estonja, fejn żewġ persuni minn kull tlieta li rċiew appoġġ kienu nisa. Billi dan il-każ kien jirrappreżenta terz mit-total tal-ħaddiema li rċiew appoġġ, dan ikkumpensa għall-każijiet li fihom 90 % jew aktar kienu rġiel.

Il-benefiċjarji li għandhom 54 sena jew aktar (18 %) kienu aktar milli dawk taħt it-30 sena (13 %). Aktar ħaddiema meġhuna kienu lestew l-edukazzjoni terzjarja (25 %) mill-edukazzjoni primarja jew sekondarja tal-ewwel livell (19 %).

Ir-rapporti finali juru li 64 % tal-5 313-il ħaddiem meġhun sabu impjieg ġodda sa tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG. Madwar 1 % tal-benefiċjarji kienu għandhom l-edukazzjoni jew fit-taħriġ, 26 % kienu qiegħda jew inattivi għal diversi raġunijiet, u għad-9 % li fadal ma kien hemm l-ebda status ta' impjieg disponibbli.

Ir-rata ta' lħuq tal-benefiċjarji (ħaddiema meġhuna permezz tal-FEG sa benefiċjarji stmata) kienet ta' 52 % bħala medja, iżda varjat b'mod sinifikanti minn każ għal każ. F'ħames każijiet, ir-rata kienet ta' madwar 100 %, b'marġni ta' ± 4 punti perċentwali, u f'każ wieħed kienet ogħla minn 80 %. B'kuntrast ma' dan, l-aktar rati baxxi kienu ta' 33 % u ta' 21 %. Iċ-ċirkostanzi ta' kull każ huma pjuttost speċifiċi, u dan jagħmilha diffiċli li ssir stima preċiża. L-istess Stat Membru (Spanja) kellu kemm l-ogħla rata kif ukoll l-aktar rata baxxa ta' lħuq tal-benefiċjarji.

Ir-rapporti finali tal-Istati Membri jiddeskrivu kif irnexxielhom jiggwidaw lill-ħaddiema ssensjati lejn impjieg ġdid billi fasslu miżuri personalizzati mfassla skont il-bżonnijiet tagħhom. Ir-rapporti jikkonfermaw ukoll li l-FEG kien kapaċi jżid il-valur mal-miżuri proprji tal-Istati Membri biex jgħin lill-benefiċjarji fil-mira jsibu impjieg ġodda u jergħu jippożizzjonaw ruħhom fis-suq tax-xogħol.

2.4.2. Rata ta' riintegrazzjoni tal-benefiċjarji

Abbażi tar-rapporti riċevuti, sa tmiem il-miżuri 3 398 parteċipant (64 %) kienu reġġu bdew jaħdmu, 3 168 (93 %) bħala impjegati u 230 (7 %) bħala ħaddiema b'impjieg indipendenti.

Skont ir-Regolament FEG 2014–2020, l-Istati Membri jridu jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni tal-impjegi tal-benefiċjarji 18-il xahar wara li jintemm il-perjodu ta' implimentazzjoni. Skont id-data li waslet mill-Estonja, mill-Belġju, mill-Ġermanja u minn Spanja, aktar minn 80 % tal-benefiċjarji sabu impjieg ġdid u jinsabu f'sitwazzjoni ta' stabbiltà fl-impjieg (rapport wieħed għadu ma ġiex sottomess).

Fl-Estonja, 85 % tal-benefiċjarji kienu impjegati fi tmiem il-perjodu ta' intervent, bl-istess rata ta' riintegrazzjoni kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel; 18-il xahar wara, ir-rata żdiedet b'punt perċentwali wieħed għal 86 %. Fil-Belġju, ir-rata ta' dħul mill-ġdid fix-xogħol żdiedet b'31 punt perċentwali għal 82 %, fi Spanja bi 11-il punt perċentwali għal 80 % u fil-Ġermanja b'seba' punti perċentwali għal 47 %.

Skont ir-Regolament FEG 2021–2027, l-iskadenza għar-rapportar dwar is-sitwazzjoni tal-impjegi tal-benefiċjarji hija ta' 6 xhur wara li jintemm il-perjodu ta' implimentazzjoni. Madankollu, diversi Stati Membri ma setgħux jissottomettu rapport minħabba kwistjoni teknika fil-modulu ta' rapportar tas-Sistema Komuni għall-Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC, Shared Fund Management Common System), li jfisser li d-data hija disponibbli biss għall-EGF/2021/004 ES/Aragón automotive.

F'dan il-każ, ir-rata ta' dħul mill-ġdid fix-xogħol żdiedet wara 6 xhur minn 44 % (116-il persuna) għal 70 % (185 persuna). Ir-rata għan-nisa (40 %) kienet 8 punti perċentwali inqas minn dik għall-irġiel (48 %) fi tmiem l-intervent, iżda wara 6 xhur ir-rata kienet ta' 70 % għat-tnejn.

Iċ-ċifri ma humiex rappreżentattivi tar-rata attwali ta' dħul mill-ġdid fix-xogħol peress li d-data ma hijiex kompluta u n-numru ta' xhur bejn tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni u ż-żmien tal-ġbir tad-data jvarja. Għalhekk, dawn huma ppreżentati fit-Tabella 5 għal skopijiet illustrattivi biss.

Tabella 5: Status tal-impjeg xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni

Referenza tal-FEG	EGF/2020/001	EGF/2020/002	EGF/2020/003	EGF/2020/005	EGF/2021/004					
Każ	Bini ta' vapuri anċillari f'Galicia	L-industrija tat-turiżmu fl-Estonja	GMH Guss	Swissport	Aragón automotive					
Stat Membru	ES	EE	DE	BE	ES					
Settur	Bini tal-vapuri	Turiżmu	Metalli bażiċi	Attivitajiet ta' appoġġ għat-trasport	Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semi-trejlers					
Data tal-applikazzjoni	13 ta' Mejju 2020	12 ta' Novembru 2020	15 ta' Diċembru 2020	22 ta' Diċembru 2020	26 ta' Lulju 2021					
Ħaddiema ssensjati	960	10,080	585	1,468	1,052					
Benefiċjarji fil-mira	500	5,060	476	1,468	320					
Data tal-bidu tal-miżuri	30 ta' Novembru 2020	1 ta' Jannar 2021	1 ta' April 2020	9 ta' Ġunju 2020	1 ta' Ġunju 2022					
Data tat-tmiem tal-miżuri	13 ta' Awwissu 2022	30 ta' Ġunju 2023	18 ta' Awwissu 2022	22 ta' Diċembru 2022	17 ta' Diċembru 2023					
Skadenza għar-Rapport Finali	13 ta' Frar 2023	1 ta' Lulju 2023	15 ta' Ġunju 2023	22 ta' Ġunju 2023	17 ta' Lulju 2024					
Data reali tas-sottomissjoni tar-Rapport Finali	10 ta' Frar 2023	5 ta' Ġunju 2024	21 ta' Ġunju 2023	19 ta' Ġunju 2023	12 ta' Lulju 2024					
Każ stralċat qabel il-31/12/2024	IVA	LE	LE	IVA	LE					
RIŻULTATI FI TMIEM IL-PERJODU TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-FEG, IBBAŻATI FUQ IR-RAPPORTI FINALI TAL-ISTATI MEMBRI										
Benefiċjarji megħjuna	521	1,687	200	898	263					
% tal-benefiċjarji fil-mira	104%	33%	42%	61%	82%					
L-istatus tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji megħjuna	Tmiem tal-implimentazzjoni	Tmiem tal-implimentazzjoni + 18-il xahar	Tmiem tal-implimentazzjoni	Tmiem tal-implimentazzjoni + 18-il xahar	Tmiem tal-implimentazzjoni	Tmiem tal-implimentazzjoni + 18-il xahar	Tmiem tal-implimentazzjoni	Tmiem tal-implimentazzjoni + 18-il xahar	Tmiem tal-implimentazzjoni	Tmiem tal-implimentazzjoni + 6 xhur
	362	419	1,427	1,444	79	94	458	734	116	185
% tal-benefiċjarji megħjuna li minnhom	69%	80%	85%	86%	40%	47%	51%	82%	44%	70%
bħala benefiċjarji dipendenti	350	402	1,351	1,372	78	n/a	445	715	116	184
bħala ħaddiem indipendenti	12	17	76	77	1	n/a	13	19	0	1
Benefiċjarji fl-edukazzjoni/taħriġ	0	0	0	0	9	7	0	0	0	0
% tal-benefiċjarji megħjuna	0%	0%	0%	0%	5%	4%	0%	0%	0%	0%
Benefiċjarji qiegħda jew inattivi - diversi raġunijiet *	159	102	68	34	103	95	440	136	147	78
% tal-benefiċjarji megħjuna	31%	20%	4%	2%	52%	48%	49%	15%	56%	30%
Status tal-benefiċjarji N/A	0	0	192	204	9	4	0	28	0	0
% tal-benefiċjarji megħjuna	0%	0%	11%	12%	5%	2%	0%	3%	0%	0%
	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%

2.4.3. Stħarriġ tal-benefiċjarji

Bħala rekwiżit ġdid mill-2021, irid isir stħarriġ tal-benefiċjarji għal kull każ tal-FEG għal skopijiet ta' evalwazzjoni. Il-mudell tal-istħarriġ tfassal mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. L-istħarriġiet jitniedu matul is-sitt xahar wara li jkun intemm il-perjodu ta' implimentazzjoni u l-parteċipanti jistgħu jaċċessawhom fuq is-sit web tal-Istħarriġ tal-UE għal mill-inqas 4 ġimgħat.

Stħarriġ tal-benefiċjarji għal kull każ tal-FEG jiżgura approċċ aktar kwalitattiv għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-fond u l-**effetti fit-tul tiegħu fuq l-impjegabbiltà ġenerali**

* Inattivi tfisser li n-nies ma għadhomx fis-suq tax-xogħol għal diversi raġunijiet eż. irtirar.

tal-benefiċjarji, f' termini ta' akkwist ta' ħiliet u ta' kwalifiki ġodda, u l-kisba ta' kunfidenza u ta' awtostima, eċċ.

Sommarju tat-tweġibiet mir-rispondenti huwa pprovdut hawn taħt.

- Aktar minn nofs ir-rispondenti qalu li kisbu ħiliet jew kwalifiki ġodda. Wieħed minn kull tlieta kiseb kwalifiki diġitali u wieħed minn kull erbgħa kiseb ħiliet ambjentali/ekoloġiċi.
- 48 % tar-rispondenti kisbu l-kunfidenza fihom infushom u madwar 46 % ta' dawk li ma sabux impjieg ġdid ħassew li kienu **kwalifikati aħjar** wara li pparteċipaw fil-miżuri kofinanzjati mill-FEG.
- Madwar 47 % tar-rispondenti reġġu bdew jaħdmu, 38 % bħala ħaddiema dipendenti u madwar 9 % bħala persuni b'impjieg indipendenti.
- Fir-rigward tal-**kwalità tal-impjegi l-ġodda**, il-biċċa l-kbira tar-rispondenti li kienu rritornaw għax-xogħol bħala ħaddiema dipendenti kellhom **impjegi full-time (89 %), u tnejn minn tlieta kellhom kuntratti permanenti**. Għall-maġġoranza tar-rispondenti (56 %), il-kundizzjonijiet tax-xogħol kienu komparabbli ma' dawk fl-impjieg preċedenti tagħhom jew aħjar minnhom (56 %), filwaqt li għal wieħed minn kull erbgħa dawn kienu agħar. Is-salarju kien komparabbli jew aħjar għal 46 % tar-rispondenti u agħar għal 41 %. Tlieta minn kull erba' ħaddiema qalu li kellhom jaħdmu inqas jew l-istess numru ta' sigħat ta' xogħol wara l-ħin mingħajr ħlas daqs qabel.
- Mir-rispondenti li rritornaw għax-xogħol bħala persuni b'impjieg indipendenti, tlieta minn erbgħa kienu qed jaħdmu full-time. Kważi **nofs in-negozji maħluqa minn dawk b'impjieg indipendenti ilhom joperaw għal sentejn jew aktar** u wieħed minn kull tlieta għal bejn 12 u 24 xahar. Wieħed minn kull ħames negozji kien jimpjega persuni oħra minbarra s-sid.
- Għall-kuntrarju tal-ħaddiema dipendenti, il-maġġoranza tal-ħaddiema b'impjieg indipendenti (78 %) kellhom qligħ aktar baxx milli fl-impjieg preċedenti tagħhom, bi 11 % biss li rrapportaw qligħ aħjar. Madankollu, għal aktar minn **nofs il-ħaddiema b'impjieg indipendenti li kellhom qligħ aktar baxx, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tjiebu**.
- Nofs ir-rispondenti li huma ħaddiema dipendenti qalu li l-miżuri ta' appoġġ kofinanzjati mill-FEG kienu għenuhom jiksbu l-impjieg kurrenti tagħhom, filwaqt li dan ma kienx il-każ għan-nofs l-ieħor. Fost 71 % tar-rispondenti qalu li l-appoġġ li rċevew kien għenuhom isiru ħaddiema b'impjieg indipendenti.

2.5. Eżekuzzjoni finanzjarja

2.5.1. Kontribuzzjonijiet tal-FEG

Il-FEG huwa strument tematiku speċjali kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027²⁰. Inizjalment ġie stabbilit limitu massimu annwali sa EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018) għall-2021–2027, iżda fl-2024 il-limitu massimu annwali tnaqqas għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018) għall-2024–2027 biex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' finanzjament li kienu qed jinqalgħu f'oqsma oħra, inklużi l-appoġġ għall-Ukrajna, it-tensjonijiet ġeopolitiċi, id-diżastri naturali, eċċ.

Il-kontribuzzjoni tal-FEG titħallas lill-Istat Membru f'pagament parzjali wieħed bħala pagament ta' prefinanzjament ta' 100 %. Il-pagament isir fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Fl-2023–2024, l-awtorità baġitarja approvat il-finanzjament ta' tmien każijiet b'total ta' EUR 16 445 516. Il-kost totali stmat tas-servizzi personalizzati²¹ kien jinkludi n-nefqa ppjanata li kellha tiġi allokata kif ġej: 55 % għall-gwida okkupazzjonali, 19 % għat-taħriġ, 19 % għall-gratifikati u l-inċentivi, u 7 % għall-promozzjoni tal-intraprenditorija.

2.5.2. Assistenza teknika

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, u fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sa 0,5 % tal-limitu massimu annwali tal-fond jista' jintuża għal assistenza teknika. Dan l-ammont għandu jintuża biex jiffinanzja attivitajiet li huma neċessarji għall-implimentazzjoni tal-FEG, bħat-tnejn, il-monitoraġġ u l-ġbir tad-data, l-istabbiliment ta' bażi ta' għarfien, ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, ta' attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni kif ukoll xogħol ta' awditjar, ta' kontroll u ta' evalwazzjoni. Għall-2023, l-awtorità baġitarja għamlet EUR 190 000 disponibbli li jirrappreżentaw 0,09 % tal-limitu massimu annwali tal-fond meta mqabbel ma' EUR 165 000 jew 0,08 %, tal-limitu massimu annwali tal-fond fl-2024²².

²⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

²¹ Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(2)(a) u (b) tar-Regolament FEG.

²² Fl-2024, il-limitu massimu annwali tal-FEG tnaqqas minn EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018) għal EUR 30 miljun (prezzijiet tal-2018).

Tabella 6.1: Nefqa fuq l-assistenza teknika fl-2023

Deskrizzjoni	Kost totali bbaġitjat	Impenji attwali	Kummenti
Appoġġ amministrattiv	EUR 90 000	EUR 38 480,47	Din in-nefqa tkopri l-kost ta' dawn: a) il-laqgħa tal-persuni ta' kuntatt li saret f'Ottubru 2023 fi Brussell segwita minn żjara f'unità ta' riallokazzjoni appoġġata mill-FEG f'Charleroi; u b) attivitajiet ta' informazzjoni: il-preżenza online tal-FEG u l-manutenzjoni tas-sit web tal-FEG.
Appoġġ tekniku	EUR 100 000	EUR 99 591,70	Il-manutenzjoni tal-moduli tal-FEG fl-SFC 2014 u l-aġġornament u l-iżvilupp ulterjuri fl-SFC 2021 ²³
Kostijiet totali	EUR 190 000	EUR 138 072,17	

Tabella 6.2: Nefqa fuq l-assistenza teknika fl-2024

Deskrizzjoni	Kost totali bbaġitjat	Impenji attwali	Kummenti
Appoġġ amministrattiv	EUR 75 000	EUR 59 480,20	Din in-nefqa tkopri l-kost ta' dawn: a) il-laqgħa tal-persuni ta' kuntatt li saret f'Novembru 2024 f'Düsseldorf segwita minn żjara fil-bini ta' Vallourec fejn il-ħaddiema ssensjati kienu rċevew appoġġ mill-FEG permezz ta' kumpanija ta' trasferiment. b) attivitajiet ta' informazzjoni: il-preżenza online tal-FEG u l-manutenzjoni tas-sit web tal-FEG.
Appoġġ tekniku	EUR 90 000	EUR 99 973,07	Il-manutenzjoni tal-moduli tal-FEG fl-SFC 2014 u l-aġġornament u l-iżvilupp ulterjuri fl-SFC 2021 (modulu tar-rapport finali). EUR 10 000 ġew riallokati minn appoġġ amministrattiv għal tekniku.
Kostijiet totali	EUR 165 000	EUR 159 453,27	

2.5.3. Irregolaritajiet irrapportati

Ma ġiet irrapportata l-ebda irregolarità lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jew ir-Regolament (UE) 2021/691 fl-2023 jew fl-2024.

2.5.4. Stralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG

Każ tal-FEG jiġi stralċat meta r-rapport finali bl-informazzjoni meħtieġa kollha jkun intbaġħat lill-Kummissjoni, ir-rimborżi pendenti kollha jkunu tħallsu u ma jkun meħtieġ li tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri mill-Istat Membru jew mill-Kummissjoni. Madankollu, l-

²³ Is-Sistema Komuni għall-Ġestjoni tal-Fondi (SFC) hija sistema ta' skambju elettroniku ta' data.

obbligu li d-dokumenti ta' sostenn kollha jinżammu għal 3 snin u li dawn ikunu disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Qorti tal-Awdituri fuq talba (l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013) jibqa' japplika.

Tabella 7: Każijiet stralċati fl-2023 u fl-2024

Referenza tal-FEG	EGF/2016/002	EGF/2017/007	EGF/2020/001	EGF/2020/005	EGF/2020/007	TOTAL
Każ	Ericsson	Ericsson	Setturi anċillari tal-Bini tal-Vapuri ta' Galicia	Swissport	Finnair	5 każijiet stralċati fl-2023 u fl-2024
Stat Membru	SE	SE	ES	BE	FI	4 Stati Membri
Settur (denominazzjoni qasira)	Prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi	Prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi	Setturi anċillari tal-bini tal-vapuri	Attivitajiet ta' appoġġ għat-trasport	Trasport bl-ajru	
Data tal-applikazzjoni	31 ta' Marzu 2016	9 ta' Awwissu 2017	13 ta' Mejju 2020	22 ta' Diċembru 2020	30 ta' Diċembru 2020	
Ħaddiema ssensjati	1,556	2,388	960	1,468	508	8,731
Persuni fil-mira (inklużi NEETs)	918	900	500	1,468	500	5,487
Baġit totali (€)	6,596,531	3,550,667	3,424,000	6,198,708	2,929,600	31,064,870
Kontribuzzjoni tal-FEG	3,957,918	2,130,400	2,054,400	3,719,224	1,752,360	18,633,520
Kontribuzzjoni tal-FEG (% tal-baġit totali)	60%	60%	60%	60%	60%	
Skadenza tar-rapport finali	30 ta' Settembru 2018	9 ta' Frar 2020	13 ta' Frar 2023	22 ta' Ġunju 2023	30 ta' Ġunju 2023	
Data attwali tas-sottomissjoni tar-rapport finali	26 ta' Settembru 2018	6 ta' Frar 2020	10 ta' Frar 2023	19 ta' Ġunju 2023	16 ta' Mejju 2023	
Data tal-istralċ	26 ta' Mejju 2023	26 ta' Mejju 2023	16 ta' Ottubru 2023	31 ta' Mejju 2024	19 ta' Ottubru 2023	
Persuni meħjuna (ħaddiema u NEETs)	224	80	521	898	481	2,204
% tan-nies fil-mira	24%	9%	104%	61%	96%	40%
Baġit attwali jew konsum tal-baġit (l-ammonti kollha f'€)						
Nefqa totali eliġibbli (SM u FEG)	1,556,565.00	483,488.00	2,129,276.35	1,892,828.00	1,351,873.49	7,414,030.84
Is-schem tal-FEG tan-nefqa totali attwali	933,939.00	290,092.80	1,277,565.81	1,135,696.80	811,124.09	4,448,418.50
Assorbiment tal-finanzjament tal-FEG	23.60%	13.62%	62.19%	30.54%	46.29%	24%
Finanzjament tal-FEG rimborżat lill-KE (finanzjament mhux użat)	3,023,979.00	1,840,307.20	776,834.19	2,583,527.20	941,235.91	14,185,101.50
Rata ta' rimborż	76.40%	86.38%	37.81%	69.46%	53.71%	76%
	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%

Fl-2023 u fl-2024 ġew stralċati ħames każijiet implimentati bejn l-2016 u l-2020. Ir-rata medja ta' assorbiment kienet ta' 24 %, fejn l-aktar rata baxxa hija ta' 13,62 % u l-ogħla hija ta' 62,16 %. Hemm diversi raġunijiet għaliex l-Istati Membri ma jużawx l-ammonti sħaħ li jingħataw. Filwaqt li l-huma mħeġġa jagħmlu stimi baġitarji realistiċi għall-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, mhux dejjem ikun possibbli li jsir ippjanar akkurat fl-istadju tal-applikazzjoni. L-Istati Membri għandhom it-tendenza wkoll li jagħmlu stima eċċessiva tal-baġits u jinkludu marġni għoli ta' sikurezza fil-kalkoli inizjali tagħhom biex inaqqsu r-riskju

ta' nfiq eċċessiv jew minħabba li hemm ħafna li ma huwiex magħruf fl-applikazzjoni eż. tal-profilu u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji potenzjali.

Ir-rata ta' assorbiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG hija marbuta mill-qrib mar-rata ta' lħuq tal-benefiċjarji u mal-għażliet li jagħmlu l-benefiċjarji. In-numru ta' ħaddiema li huma lesti li jipparteċipaw fil-miżuri proposti jista' jiġi stmat iżżejjed fl-istadju tal-ippjanar. Livell ta' parteċipazzjoni aktar baxx milli antiċipat jista' jkun dovut għat-titjib tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol jew għal fatturi personali mhux previsti, bħal ħaddiema li jsibu xogħol ġdid waħedhom, nuqqas ta' motivazzjoni jew għażla ta' rtirar bikri. Barra minn hekk, xi ħaddiema jistgħu jagħżlu miżuri għal terminu qasir, u għalhekk irħas, bl-għan li jerġgħu jaqbd u jaħdmu malajr minflok miżuri fit-tul li huma aktar għaljin.

Raġunijiet oħra għal infiq baxx jinkludu dewmien fil-bidu tal-miżuri, nuqqas ta' persunal biex jimplementahom, użu insuffiċjenti tal-possibbiltà li jiġu riallokati l-fondi bejn il-partiti tal-baġit jew ikun hemm disponibbli aktar finanzjament milli mistenni inizjalment fil-livell tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni toffri gwida lill-Istati Membri mill-istadju tal-applikazzjoni 'l quddiem biex ttejjeg il-ġestjoni ottimali tal-fondi, li għandha ttejjeb ir-rata ta' implimentazzjoni. Hekk kif l-Istati Membri jiksibu l-esperjenza, l-ibbaġitjar tal-miżuri u t-tbassiriet fuq 24 xahar dwar il-partiċipazzjoni tal-ħaddiema huma mistennija li jitjiebu. Il-Kummissjoni qed tara wkoll titjib fil-mod kif jaħdmu d-diversi korpi ta' koordinazzjoni u ta' implimentazzjoni u fil-kwalità tal-komunikazzjoni bejn il-livelli nazzjonali u reġjonali/lokali.

2.6. Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni

2.6.1. Informazzjoni u pubbliċità – sit web

L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/691 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi, iżżomm u taġġorna regolament sit web disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Fl-2023–2024, il-Kummissjoni żammet is-sit web tal-FEG²⁴ aġġornat b'informazzjoni rilevanti. Is-sit web tipprovdi gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda, u tippreżenta fatti u ċifri ewlenin dwar applikazzjonijiet preċedenti. L-utenti jistgħu jsibu wkoll id-dettalji tal-persuni ta' kuntatt tal-FEG fl-Istati Membri u r-rabtiet mal-pubblikazzjonijiet, mal-aħbarijiet u mal-avvenimenti relatati mal-FEG organizzati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

²⁴ www.ec.europa.eu/egf

2.6.2. Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati tal-FEG

Saru laqgħat dwar każijiet li għaddejjin bħalissa u applikazzjonijiet ippjanati għall-FEG, karatteristiċi ġodda tar-Regolament FEG 2021–2027, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki tal-FEG u kwistjonijiet rilevanti oħra. Saru żewġ laqgħat tal-persuni ta' kuntatt²⁵ tal-FEG (id-29 u t-30 laqgħa), waħda fi Brussell f'Ottubru 2023 u waħda f'Düsseldorf f'Novembru 2024, it-tnejn segwiti minn żjara ta' studju tal-każ. FI-2023, iż-żjara saret f'Charleroi (il-Belġju) fejn unità ta' riallokazzjoni kofinanzjata mill-FEG kienet ipprovdiet appoġġ lill-ħaddiema ta' Logistics Nivelles u Makro. FI-2024, waqt żjara fil-bini ta' Vallourec f'Düsseldorf, il-persuni ta' kuntatt tal-FEG saru jafu kif kumpanija ta' trasferiment kienet għenet lil eks ħaddiema ta' Vallourec isibu impjiegi ġodda.

2.6.3. Sistema ta' skambju elettroniku ta' data (SFC2021)

L-interfaċċa tal-FEG fl-SFC2021 ġiet żviluppata ulterjorment. B'mod partikolari, il-modulu tar-rapport finali ġie allinjat mar-reqwiziti tar-Regolament FEG 2021–2027.

2.6.4. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni tal-FEG 2021–2027

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ta' nofs it-terminu biex tivvaluta kif u sa liema punt il-FEG laħaq l-oġġettivi tiegħu fil-perjodu analizzat (2021–2024) f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament FEG. L-evalwazzjoni tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza tal-FEG u l-valur miżjud tal-UE, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq il-bidliet sinifikanti introdotti mill-2021²⁶. Għalkemm il-proċess u l-proċeduri tal-applikazzjoni ġew issimplifikati, l-użu tal-fond baqa' baxx minħabba swieq tax-xogħol b'saħħithom, sorsi ta' finanzjament alternattivi (eż. FSE+, Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund)), proċeduri twal u kumplessità amministrattiva. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu eżaminat 18-il applikazzjoni tal-FEG²⁷ riċevuti minn seba' Stati Membri bejn l-2021 u l-2024 (l-aktar fl-industrija tal-karozzi, fit-trasport u fil-kummerċ) u seba' rapporti finali riċevuti fl-aħħar trimestru tal-2024.

F'termini tal-**effettività**, il-FEG ipprova appoġġ individwali lill-ħaddiema ssensjati mfassal skont il-bżonnijiet tagħhom, b'mod partikolari lil gruppi vulnerabbli. Ir-riżultati finali għadhom pendenti, iżda d-data preliminari tindika rati ta' riintegrazzjoni ta' madwar 50 %, ftit inqas milli fil-perjodi preċedenti. Lil hinn mir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-

²⁵ Il-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG huma grupp ta' esperti. Il-membri tiegħu huma nominati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati.

²⁶ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/691, ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48–70.](#)

²⁷ Il-11-il applikazzjoni riċevuti fl-2022-2024 huma inklużi, iżda mingħajr ebda analiżi tar-riżultati, li se jsiru disponibbli bejn l-2025 u l-2027

parteċipazzjoni fil-miżuri tal-FEG uriet li kellha **effetti fit-tul fuq l-impjegabbiltà ġenerali tal-benefiċjarji**, f'termini ta' ħiliet u ta' kwalifiki ġodda, inklużi ħiliet diġitali u ħiliet ambjentali/ekoloġiċi, żieda fl-awtostima, is-sensazzjoni li huma kkwalfikati aħjar għax-xogħol, is-sensazzjoni ta' kuraġġ biex jegħlbu l-istereotipi marbuta mal-ġeneri fl-għażla tal-impjieg u networks soċjali ġodda maħluqa mill-parteċipazzjoni fil-miżuri tal-FEG.

Dwar l-**effiċjenza**, il-proċeduri saru aktar rapidi u sempliċi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Madankollu, il-proċess ta' approvazzjoni tal-UE (5,5 xhur)²⁸ għadu meqjus bħala twil wisq. Ir-rata medja ta' assorbiment tal-fondi kienet ta' 63 %, u tjiebet mill-perjodi preċedenti. Ma kien hemm l-ebda trikkib kbir ma' fondi oħra tal-UE jew nazzjonali. Hemm komplementarjetà qawwija mal-FSE+, għalkemm xi Stati Membri jippreferu jużaw strumenti aktar flessibbli.

F'termini ta' **valur miżjud**, il-FEG jipprovdi appoġġ lil hinn minn dak li jistgħu joffru s-sistemi nazzjonali, notevolment f'termini ta' intensità tal-għajjnuna u tas-servizzi mfassla skont il-bżonnijiet tal-benefiċjarji. Madwar **70 %** tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati kkonfermaw il-valur miżjud tiegħu fi stharrig²⁹.

²⁸ Mid-data tal-applikazzjoni sad-data tal-ħlas.

²⁹ L-istħarriġiet bil-miktub tal-partijiet ikkonċernati mill-Istati Membri kollha mwettqa matul Ottubru-Diċembru 2024.